MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2010

Numru. 592/2008

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR NEZREN GRIXTI**
**KONTRA**

**ABDUSALAM MOHAMED ABUSHAALAH**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra;

Abdusalam Mohamed Abushaalah ta' 32 sena ta' nazzjonalita' Libjana, bin Mohamed u Selwa, mwieled ġewwa Homs u residenti Triq Bensah ġewwa Homs u numru tal- passaport mhux magħruf;

Li ġie mressaq quddiemha sabiex iwieġeb għall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) Fis- 7 ta’ Lulju 2008 u fil- jiem ta’ qabel din id- data, f’ postijiet oħra kemm Għawdex kif ukoll f’ Malta, bi ħsieb li jagħmel xi qliegħ li jkun, għen, assista, ta parir jew ħabrek biex persuni oħra jidħlu jew jagħmlu tentattiv biex jidħlu jew joħorġu jew jagħmlu tentattiv biex joħorġu jew jagħmlu tentattiv biex joħorġu minn Malta bi ksur tal-Liġijiet ta’ Malta, jew li sew f’ Malta sew barra minn Malta ikkonġura f’ dak is- sens ma’ xi persuni oħra;

2) Ukoll talli fis- 7 ta’ Lulju 2008 u fil- jiem ta’ qabel din id- data, f’ diversi postijiet f’ Malta u Għawdex assoċja ruħu flimkien u/jew ma’ xi persuna jew persuni oħra f’ Malta jew barra minn Malta bil- għan li jagħmel delitt f’ Malta li għalih hemm il- piena ta’ priġunerija;

Rat id-dokumenti kollha eżebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet ix-xiehda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri kienu s-segwenti. L-imputat, flimkien ma’ hames persuni ohra ta’ nazzjonalita’ egizzjana, kienu abbord dghajsa tas-sajd irregistrata l-Libja, kmieni filghodu t-Tnejn, 7 ta’ Lulju 2008, meta intlemhu ftit ‘il boghod mix-xtut ta’ Malta minn ufficjali tal-iskwadra marittima tal-Forzi Armati ta’ Malta. L-imputat qabez il-bahar u gham ghad-dghajsa tal-armata, u wara ammont ta’ hin jipprova jikkomunika mas-suldati maltin, hu ttella’ fuq il-bastiment tal-armata. Il-hames egizzjani gew ukoll imtella’ fuq l-istess bastiment, u d-dghajsa tas-sajd libjana giet irmonkata u ddahhlet fil-Port f’ Malta. Mill-investigazzjonijiet li saru mil-Pulizija, l-egizzjani qalu li huma kienu qed jigu ttraffikati b’mod klandestin ghall-Italja, u l-imputat kien thallas is-somma ta’

tlitt elef Ewro minn kull wiehed minnhom biex iwassalhom mil-Libja ghall-Italja. L-imputat, min-naha tieghu, qal li hu kien hareg jistad ma’ dawk l-egizzjani, izda dawn kienu attakkawh u ssekwestrawh, rabtuh minn idejh u saqajh, u hadu pussess tad-dghajsa. Kien biss meta’ lemah il-bastiment tal-armata li harab u qabez ghal gol-bahar biex isalva. Il-Pulizija, izda, rat il-verzjoni tal-egizzjani bhala aktar verosimili, u ghalhekk ressqet lill-imputat b’dawn l-akkuzi.

Mil-provi prodotti miz-zewg nahat, il-Qorti hija konvinta bl-aktar mod assolut li l-imputat ghandu ragun. Kien forsi minhabba z-zmien partikolari li Malta kienet ghaddejja minnu dak iz-zmien, meta kwazi kull jum kienet tidhol dghajsa bi kwantita’ ta’ persuni abbord, ilkoll qed jippruvaw jaqsmu l-bahar mil-Libja ghall-Ewropa, sabiex ifittxu mezz ta’ ghixien ahjar. Kienet x’kienet ir-raguni ghalfejn il-verzjoni tal-imputat giet skartata mil-Pulizija u giet segwita dik tal-egizzjani, illum il-Qorti qed tara l-provi kollha u tista’ tasal ghal gudizzju fuq dan il-kaz.

Il-Prosekuzzjoni hadet stqarrija tal-imputat u tal-hames egizzjani, liema stqarrijiet huma kollha esebit fl-atti. Dawn jaghtu verzjoni ta’ fatti simili ghal xulxin f’ certi aspetti, izda kompletament kontra xulxin f’ aspetti ohra. Jidher li l-imputat kien kaptan ta’ bastiment zghir tas-sajd irregistrat fil-Libja, bis-sid identifikat bhala persuna ta’ nazzjonalita’ libjana, u kellu johrog jistad flimkien mal-hames persuni l-ohra ta’ nazzjonalita’ egizzjana. Dawn il-persuni kienu nstabu minn persuna ohra libjana, u inghataw permess biex jahdmu l-Libja bhala sajjieda. Fil-fatt, gew esebiti l-kuntratti tax-xoghol taghhom mahruga mill-awtoritajiet libjani, in sostenn ta’ dan. Gew esebiti wkoll diversi dokumenti li juru li d-dghajsa kellha fil-fatt il-permessi mill-awtoritajiet libjani biex tohrog mill-port ta’ Surt u tistad ghal xi jiem. S’ hawnhekk jidher li hawn qbil bejn il-partijiet. Minn hawn ‘il quddiem, izda, il-verzjonijiet tal-fatti jinbidlu kompletament. L-imputat ighid li hu gie attakkat u ssekwestrat minnhom, u gie marbut u mizmum fid-dghajsa mil-Gimgha, 4 ta’ Lulju, sat-Tnejn filghodu, 7 ta’ Lulju, 2008, qabel ma sabuhom is-suldati maltin. Il-hames egizzjani, min-naha taghhom, baqghu isostnu li kienu

hallsu l-ammont ta’ tlitt elef Ewro biex jiddahhlu klandestinament l-Italja, u ghalhekk ma riedux jidhlu Malta.

Minn esami tal-provi, il-Qorti hi konvinta li l-verzjoni tal-imputat hija dik korretta u li tirrispekkja l-verita’. Huwa inverosimili ghall-ahhar li persuni jigu ttraffikati b’mod klandestin minn pajjiz ghal iehor u dawn jiffirmaw kuntratt ufficjali ta’ xoghol, jinghataw permess ufficjali biex jahdmu mill-awtoritajiet libjani u mil-pulizija libjana, semplicement biex jaharbu bil-mohbi. L-anqas jaghmel sens li l-imputat jaccetta dan kollu, jinghata l-permessi mehtiega, jiehu r-responsabbilta’ ta’ hames persuni ghal erba’ jew hamest ijiem fuq il-bahar, u jirritorna lura minghajrhom. Huwa facli ghall-egizzjani biex jaghtu verzjoni wahda li taqbel, izda rinfaccata b’dawn il-provi kollha kontrihom, il-Qorti ma tistax temmen il-verzjoni ta’ fatti kif moghtija minnhom. Inoltre, jidher car ukoll li d-dghajsa in kwistjoni kienet wahda tas-sajd u mghammra b’diversi bicciet tas-sajd. Il-Qorti m’hix ser tiddilunga u tidhol fid-dettall tal-oggetti kollha li nstabu fuq id-dghajsa, izda dawn kollha kienu jindikaw li din kienet tintuza esklussivament ghas-sajd.

Fattur iehor li hasseb lil din il-Qorti u li kkonvinca aktar lill-Qorti huwa l-fatt li kien hemm hames min-nies biss qed jigu allegatament ittraffikati, meta f’dghajsa bhal dik li gie biha l-imputat, solitament jidhlu aktar minn tletin persuna jew izjed. Hawnhekk ukoll, ma kienx jaghmel sens ghall-imputat biex jiehu riskju u jittraffika hames min-nies meta d-dghajsa setghet tiehu hafna aktar. L-iskop wara t-traffikar illecitu tal-persuni huwa wiehed finanzjarju, ghalhekk ma jaghmel ebda sens li l-imputat, is-sid tad-dghajsa, u kull persuna ohra nvoluta, tiehu riskju bhal dak ghal ammont ta’ flus relattivament zghir meta kien jezisti l-potenzjal li l-qligh ikun hafna akbar fi vjagg wiehed.

Fl-ahhar lok, izda zgur m’hux l-anqas, l-imputat kien ferm konvincenti fix-xiehda tieghu. Hu spjega fid-dettall kull pass tal-grajja li ghadda minnha, sa mil-hin li gie mlaqqa’ mal-hames egizzjani li kellu jistad maghhom, li ghamel gimghatejn jahdem maghhom fuq l-art ilestu biex ivaraw id-dghajsa, sa meta hebbew ghalih u rabtuh ghal jumejn

shah, biex wara harab minn fuq id-dghajsa, biex spicca' arrestat u ghadda proceduri kriminali hawn Malta. Il-verzjoni moghtija mill-imputat giet ikorroborata mill-istess dokumenti li hu esebixxa, in sostenn tal-verzjoni tal-fatti kif moghtija minnu, u dawn kollha jibnu stampa cara u univoka ta' kif fil-fatt graw l-affarjiet. L-imputat mhux biss irnexxielu jnissel dubju f'mohh din il-Qorti, izda sahansitra kkonvinca lill-istess Qorti li dak li hu qal kien fil-fatt il-verita'. Ghalhekk il-Qorti sejra tilliberah minn kull imputazzjoni u piena.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikoli 337A, 48A, 533, 370 (3) (a), 370 (3) (b) (c) (e), 370 (3) (d) (e) u 370 (3) (f) tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ma ssibx lill-imputat hati, u ghaldaqstant tilliberah.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------